

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-18 ta' Settembru 2012 — Cuallado Martorell vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-96/09) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Esklużjoni mill-parteċipazzjoni fl-eżami orali wara r-riżultati miksuba fl-eżamijiet bil-miktub — Talbiet għal eżami mill-ġdid — Dritt speċifiku tal-kandidati li jkollhom aċċess għal ċertu informazzjoni li tikkonċernahom — Suġġett u portata — Dritt ta' aċċess għall-eżamijiet bil-miktub ikkoreġuti — Assenza)

(2013/C 46/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Eva Cuallado Martorell (Augsburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Diez Lorenzo, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Eggers u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

Servizz pubbliku — Rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni li biha r-rikorrenti ma titħallix tipparteċipa fl-eżamijiet orali tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/130/08 u li tirrifjutalha l-aċċess għall-eżamijiet bil-miktub ikkoreġuti u, min-naħa l-oħra, għall-annullament, b'effett retroattiv, tal-lista ta' riżerva ppubblikata wara l-eżamijiet tal-kompetizzjoni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbatlha l-ispejjeż sostnuti minn E. Cuallado Martorell.

⁽¹⁾ ĠU C 148, 05.06.2010, p. 54.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-11 ta' Diċembru 2012 — Mata Blanco vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-65/10) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni interna COM/INT/OLAF/09/AD10 — Ġlieda kontra l-frodi — Kompetenzi rispettivi tal-EPSO u tal-ġurija — Testijiet ta' aċċess sorveljati mill-ġurija — Test orali — Ksur tal-avviż tal-kompetizzjoni — Differenzi fil-marki — Kriterji ta' evalwazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament tal-kandidati — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Prinċipji ta' trasparenza u ta' amministrazzjoni tajba — Obbligu ta' motivazzjoni)

(2013/C 46/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: José Manuel Mata Blanco (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn B. Eggers u P. Pecho, aġenti, sussegwentement minn B. Eggers, aġent)

Suġġett

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-EPSO li r-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva fil-kuntest tal-kompetizzjoni interna "COM/INT/OLAF/09/AD10 — Amministraturi speċjalizzati fil-ġlieda kontra l-frodi" kif ukoll tal-lista ta' riżerva u tad-deċiżjonijiet kollha meħuda abbażi ta' din il-lista.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) J. M. Mata Blanco għandu jbatlha l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 288, 23.10.2010, p. 73.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-11 ta' Lulju 2012 — AI vs Il-Qorti tal-Ġustizzja

(Kawża F-85/10) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kompetizzjoni interna — Esklużjoni mill-kompetizzjoni insegwitu għar-riżultat miksub fl-ewwel eżami bil-miktub — Eżami mill-ġdid — Ugwaljanza fit-trattament — Klassifikazzjoni mill-ġdid tal-kuntratt għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien determinat — Rikors għal annullament — Rikors għad-danni)

(2013/C 46/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: AI (rappreżentanti: inizjalment M. Erniquin, avukat, sussegwentement M. Erniquin u L. N'Gapou, avukati)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. V. Placco, aġenti)

Suġġett

Servizz pubbliku — Minn naħa, it-talba li jiġu annullati d-deliberazzjonijiet tal-Bord tal-Għażla rigward ir-riżultati tal-eżami bil-Franċiż tal-kompetizzjoni interna Nru CJ 12/09 u, sa fejn hemm bżonn, li jiġu annullati l-kuntratti u l-ħatriet tal-persuni li għaddew mill-imsemmija kompetizzjoni kif ukoll, min-naħa l-oħra, it-talba li tiġi annullata d-deċiżjoni li ma jiġgeddix il-kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju tar-rikorrenti u t-talba għall-kumpens għad-danni.